**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**

**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Gary Richard Hincks**

**Kumpilazzjoni numru 178/2016**

**Illum 17 ta' Gunju, 2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **<u>Gary Richard Hincks</u>**, iben Brina u Helina nee Brady, imwieled l-Ingilterra nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tal-elf disa' mija u tlieta u sittin (1963) u residenti numru erba' mija u wiehed (401), Villa Alexandra, Madliena Village, Madliena detentur tal-karta tal-identita numru 63286(A) billi huwa akkuzat talli:

Bejn l-25 ta' Mejju 2010 u l-25 ta' Mejju 2015 bhala propretarju u/jew amministratur tal-fond 3, Le Dauphin, Triq Wied Ghomor San Giljan, b' diversi azzjonijiet maghmulin minnu , ukoll fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoniet tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda kisser il-gumni tas-servizz tal-elettriku cioe' tal-meter tad-dawl installat fl-imsemmi fond u b'mezzi qarrieqa sabiex ikollu l-uzu jew konsum elettriku jew li bihom seta' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew marker fl-istess meter tal-kwantita' mehuda jew ikkunsmata kkommetta serq tal-kurrent elettriku liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jiskorri l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bil-hin u dan ghad dannu tal-Korporazzjoni Enemalta. (Artikoli 18, 261 (b)(c)(f), 263 (a), 264 (1) (2), 267, 270, 279 (b) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

Akkuzat aktar talli rrenda ruhhu ricediv b'sentenza tal-Qorti li saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi tapplikka ukoll il-provvedimenti li hemm fl-Artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol. 201*) datata hamsas u ghoxrin (25) ta' Frar 2019 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

a) l-artikoli 18, 20, 31, 261 (b) (c) (f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278 (1) (2) (3), 279 (b), 280 (1) (2), 281 (a), 283 u 283A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) l-artikoli 31, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) l-artikoli 7, 8, 16, 17, 18, 19, 20, 22 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) l-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) l-artikoli 382A, 383, 384, 385 u 386 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi waqt l-udjenza tas-sebgha (7) ta' Marzu 2019 (*a fol. 203)* gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar 2019. F'din l-istess seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Ufficjal Prosekutur prezentata fid-disgha (9) ta' Ottubru 2019 (Fol 218 *et seq*) tal-process.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difiza li saret waqt is-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar 2020 wara li d-difiza naqset li tipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet taghha hekk kif ordnat mill-Qorti.

**Ikkunsidrat:**

**Sintezi tax-Xhieda Migbura**

**Marisa Cassar** (Fol. 17 et seq) xehdet li hija tahdem fl-ufficcju legali tal-Enemalta. Spjegat li l-Enemalta kellha tigbor minghand certu Gary Hilikins bil-karta tal-identita numru 632869(A) l-ammont ta' mija u tlieta u hamsin elf hames mija u sebgha u ghoxrin ewro u disgha u erbghin centezmu (€ 153,527.49) bhala konsum ta' dawl mhux registrat flimkien ma' penali. Kompliet tghid li hija ma kienet taf xejn fuq il-kaz u kienet qeghda tistrieh fuq id-dokumenti li kellha.

**L-Ispettur Trevor Micallef** (Fol 25 et seq) xehed li fil-bidu ta' Frar 2016 kien rcieva kwerela mill-Korporazzjoni Enemalta sabiex jipprocedi kontra l-imputat ghar-rigward ta' serq elettriku mill-fond bin-numru tlieta (3), La Dauphin, Triq Wied Ghomor, San Giljan. Spjega li r-rapport li kien gie mghoddi lilu mill-Enemalta kien jghid li waqt spezzjoni li kienet saret minn ufficjali tal-Korporazzjoni kienu instabu xi rregolaritajiet fil-meter. Meta instabu tali irregolaritajiet, fuq il-post kien hemm Gary Hincks bin-numru tal-karta tal-identita numru 63286(A). L-Ispettur Micallef kompla jispjega kif huwa baghat ghal Hincks. Hincks irrilaxxa stqarrija fejn huwa cahad li baghbas xi meter. Fl-istqarrija Hincks spjega li ufficjali tal-

Enemalta kienu marru fir-ristorant sabiex jibdlu l-meter u x'hin qalghuh dawn l-ufficjali kienu sabu toqba fih.

**In kontro-ezami**, l-Ispettur ikkonferma li l-ufficjali tal-Enemalta kienu sabu toqba fil-meter filwaqt li s-sigilli kienu miksurin kollha. L-Ispettur ikkonferma li Hincks kien kera l-post minn Ottubru 2010 u kien beda jahdem minnu f'Dicembru 2010. Ikkonferma wkoll li l-akkuzi kien harighom minn Mejju 2010. Mistoqsi mid-difiza min kien jokkupa l-post qabel ma dahal fih l-imputat, l-Ispettur qal li hu ma kienx jaf. Qal li hu sempliciment mexa fuq il-kwerela li kienu baghtulu tal-Enemalta.

Fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2017, l-Ispettur Micallef ipprezenta kopja ta' sentenza li kienet giet moghtija fil-konfront tal-imputat fis-16 ta' Jannar 2013. Dan in vista tal-akkuza dwar ir-ricediva.

**Michael Buttigieg** (Fol. 49 et seq) xehed li huwa jahdem fir-Revenue Assurance Section tal-Enemalta. Huwa spjega li fir-rigward tal-fond fi Triq Wied Ghomor San Giljan kien hemm konsum ta' dawl mhux registrat fl-ammont ta' tmienja u erbghin elf u hdax -il ewro (€ 48,011). Bil-penali u l-imghax dan tela' ghall-ammont ta' mija tlieta u hamsin elf hames mija u sebgha u ghoxrin ewro (€ 153,527). Bhala perijodu, l-Enemalta marret lura hames (5) snin skont kif tippermetti l-ligi. Mid-dokumentazzjoni li kellu, ir-rapport kien hareg fuq Gary Hincks detentur tal-karta tal-identita numru 63286(A). Ix-xhud kompla jghid li huwa ma marx fuq il-post u sempliciment bhala membru tar-Revenue Section kien hadem l-ammont dovut. Huwa ikkonferma l-ammont fuq il-kwerela. Spjega li l-ammont mhux registrat ta' elettriku inhadem billi ittiehdet medja tal-konsum bil-

meter l-antik u medja tal-konsum bil-meter il-gdid, inharget id-differenza fil-konsum u gew applikati t-tariffi ghal tali differenza. Mistoqsi jekk kienx ghamel kuntatt mal-persuna li kien kera l-post lill-imputat, ix-xhud wiegeb fin-negattiv.

__In kontro-ezami__ ix-xhud qal li huwa ma kienx mar fuq il-post. Sempliciment ir-rapport wasal ghand is-sezzjoni fejn kien jahdem hu u huwa ghamel il-kalkoli fuq ir-rapport li gie mghoddi lilu. Kompla jghid li huwa hadem hames snin lura mid-data tal-ispezzjoni u dan skont ma kien hemm fir-rapport. Rigward il-fatt li kien hemm haddiehor qabel l-imputat, ix-xhud kien fil-posizzjoni biss li jghid li rapprezentanti tal-Enemalta ippruvaw jaghmlu kuntatt bit-telefon mal-individwu li kien hemm qabel. Pero qatt ma rnexxielhom.

Fix-xhieda li x-xhud Michael Buttigieg kien rega' ta fis-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Ottubru 2017, huwa ikkonferma l-kwerela li kienet saret lill-Pulizija mill-Enemalta. Spjega li biex jikkwantifikaw l-ammont ta' dawl misruq, l-Enemalta taghmel stima billi tiehu l-kalkoli tar-readings tad-dawl kemm qabel ikun inqala' l-meter kif wkoll wara li jkun inqala' l-meter. Dawn ir-readings tal-ahhar jittiehdu bil-meter li jkun twahhal. Abbazi tal-kalkoli rizultanti imbaghad tohrog l-istima tad-dawl misruq.

Mistoqsi in kontro-ezami, jekk il-konsum tad-dawl kienx naqas wara li inbidel il-meter, ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Anzi mir-readings li ittiehdu, l-konsum kien zdied.

Michael Buttigieg rega ta d-deposizzjoni tieghu fis-seduta tad-disgha (9) ta' April 2018. Huwa spjega li skont ir-records tal-Enemalta li jmorru sal-2009, il-meter kien registrat fuq il-persuna ta' Abdesemad Ibnaz. Il-meter baqa' fuq Ibnaz sal-2018. Fis-seduta tal-ewwel (1) ta' Novembru 2018 (Fol. 190) huwa ikkonferma li l-kwerela kienet tirrelata ghall-fond numru tlieta (3) bl-isem "Le Dauphin" Triq Wied l-Ghomor, San Giljan.

**Dr Stephanie Abela** (Fol. 63) esebiet u ikkonfermat it-traduzzjonijiet mill-Malti ghall-Ingliz li hija kienet giet ordnata li taghmel mill-Qorti.

**Joseph Zammit** (Fol. 83 et seq) xehed li fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju 2015 hu flimkien ma' kollega tieghu kienu marru f'ristorant San Giljan fejn sabu lil David Hincks (l-imputat prezenti fl-awla) fuq il-post. Spjega li kienu marru biex jibdlu l-meter ghal Smart Meter. Hekk kif qalghu l-meter l-antik minn postu, sabu toqba n-naha ta' fuq tal-meter li kienet tindika li xi hadd seta' abbuza mill-meter. Kompla jghid li kellmu lil Hincks, li qal li ma kienx jaf bit-toqba. Gie avzat il-foreman John Vella, li ha r-ritratti, ra x'load ta' elettriku kien hemm fuq il-post u inbidel il-meter. Dan kollu rega' gie ikkonfermat mix-xhud fis-seduta tad-disgha (9) ta' April 2018 (Fol. 150 *et seq*). Ix-xhud zied jghid wkoll li fuq il-post kienu kellmu biss lil Gary Richard Hincks bil-karta tal-identita numru 63286(A). Temm jghid li hu ma dahalx fil-kwistjoni il-post ta' min kien u kemm kien ilu mikri ghandu ghax bhala teknici huma ma jidhlux fiha.

Fis-seduta tad-disgha (9) ta' April 2018, Joseph Zammit rega' xehed li haddiema tal-Enemalta kienu marru biex jibdlu l-meter tad-dawl ta' Gary Richard Hincks u qabel biddlu l-meter kienu sabu toqba f'dan il-meter.

In kontro-ezami, ix-xhud ma kienx fil-posizzjoni li jghid kemm kien ilu imwahhal il-meter fuq il-post. Xoghol ix-xhud kien biss li jibdel l-arlogg. Seta' pero jikkonferma li l-arlogg kien ilu ammont ta' snin sewwa. Il-meter kien mahmug.

In ri-ezami ix-xhud tenna li ma kienx kompitu tieghu li jivverifika minn kien hemm fil-post qabel ma gie mikri.

**Anton Zerafa** (Fol. 84 et seq) xehed li huwa impjegat bhala fitter mal-Enemalta. Fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju 2015 huwa flimkien ma' kollega iehor tieghu kienu marru f'restaurant San Giljan biex jibdlu l-meter. Spjega li kien gie certu Richard Hincks li kien qieghed jiehu hsieb il-hanut. Kompla jghid li sabu li l-meter kellu toqba go fih. Kien gie imtaqqab biex ma jirregistrax. L-arlogg sabuh jirregistra pero kellu toqba li kif idahhal xi haga go fiha, twaqqaf ir-rota. Hincks qalilhom li ma kien jaf xejn dwar it-toqba. Hu flimkien ma' siehbu ghamlu rapport u hadu ritratt tal-meter wkoll.

**In kontro-ezami**, ix-xhud qal li ma kellux idea kemm kien ilu imwahhal il-meter. Il-meter kellu t-trab fuqu u ma kienx nadif. Kompla jghid li fit-toqba ma sabu xejn u lanqas kien hemm marki tas-swaba jew grif. Sahansitra anke qtar taz-zebgha kien hemm fuq il-meter.

Fis-seduta tad-disgha (9) ta' April 2018 (Fol. 159 et seq), ix-xhud rega' ikkonferma li kienu marru f'fond numru tlieta (3), Triq Wied Ghomor, San Giljan u fuq il-post kienu sabu lil Gary Richard Hincks detentur tal-

karta tal-identita numru 63286(A). Zied jghid li Hincks kien qalilhom li jiehu hsieb il-post hu. In kontro-ezami, ix-xhud ikkonferma li kienu marru bl-appuntament biex jibdlu l-meter u z-zjara taghhom ma kinitx ghall-gharrieda. Zied jghid li l-imputat stess kien fethilhom biex jibdlu l-meter minn wiehed antik ghal smart meter.

**Joseph Gerada** (Fol. 104 et seq) xehed li nhar il-25 ta' Mejju 2015 huwa kien qieghed l-ufficju u gie infurmat li waqt li kien qed isir tibdil ta' meter fi Triq Wied Ghomor, San Giljan il-fitters kienu sabu s-sigilli maqtughin u toqba fil-meter. Huwa mar fuq il-post, ra x'kienu sabu l-fitters, kellem lis-sid u ghamel ir-rapport. Mid-dettalji li kellu, huwa qal li kien kellem lil certu Gary Hincks bil-karta tal-identita numru 63286(A). Ix-xhudipprezenta l-meter isiggillat, liema meter kien gie isigillat fil-presenza tieghu ta' Hincks u l-fitters.

**In kontro-ezami**, ix-xhud ikkonferma li ma kienu sabu xejn got-toqba. Mistoqsi fejn kien jinsab il-meter u jekk kienx maghluq go cupboard zghir hafna, ix-xhud ma setax iwiegeb ghaliex x'hin wasal fuq il-post il-meter kien gia maqlugh. Ritratti tal-meter kif kien imwahhal fuq il-post, ix-xhud ma kellux.

**PS 659 Jeffrey Hughes** (Fol. 123 et seq) ipprezenta rapport tieghu fejn huwa eleva u iffotografa l-impronti digitali li kienu jinsabu fuq il-meter.

**Antoine Busuttil u Alan Chetcuti** (Fol. 134) ikkonfermaw il-kwerela minnhom mibghuta lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jittiehdu passi kriminali kontra l-imputat.

**Joseph Mallia** (Fol. 144) xehed li huwa ha l-impronti tas-swaba u l-idejn tal-imputat. Huwa imbaghad talab lill-Qorti sabiex jkun jista' jirtira l-impronti li kienu gew elevati mill-meter sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn l-impronti tal-imputat u dawk li kienu gew elevati minn fuq il-meter in kwistjoni. Fis-seduta tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju 2018 (Fol. 166), Joseph Mallia ipprezenta r-rapport tieghu fejn ikkonkluda li l-impronti li kien hemm fuq il-meter ma kinux jaqblu ma' dawk ta' Gary Richard Hincks.

**Dr Martin Bajada** (Fol. 176) espert nominat mill-Qorti xehed li huwa ma seta' jaghmel l-ebda analizi fuq il-meter peress li l-meter kien analogue meter mill-qodma.

**Il-Professur Cyril Spiteri Staines** espert nominat mill-Qorti (Fol. 190 et seq) xehed li hu ma setax jaghmel ezami ta' kemm kien qed jaqra anqas il-meter peress li l-meter kien wiehed mekkaniku. Spjega li kien hemm toqba fuqu u li minn din it-toqba kienet titwaqqaf id-diska tal-meter. Ix-xhud temm jghid li ma setax jissimula xi mekkanizmu li jibblokkja d-diska milli iddur peress li wiehed ma jkunx jaf is-sid x'ghamel. L-unika mod kif seta' wiehed jasal biex jaghmel stima tad-dawl misruq huwa billi wiehed jaghmel ezami tal-kontijiet ta' qabel u ta' wara.

**Gary Richard Hinks** (Fol 206 et seq) xehed li huwa kien kera l-fond fejn kien jinsab il-meter f'Settembru 2010. Huwa imbaghad beda jopera f'Dicembru 2010. Qabel ma kien beda jopera hu, l-hanut ma kienx qieghed jopera u fil-fatt kellu jaghmel refurbishment totali tal-post. Il-

meter tal-elettriku kien registrat fuq certu wiehed Abraham. Spjega li dan kien l-inkwilin ta' qablu u hu kien ha l-post minghandu. Kompla jghid li huwa kellu jhallas kont ta' sebat elef ewro (€ 7,000) dawl li kien halla dan Abraham. Il-meter baqa registrat fuq Abraham peress li l-Enemalta baqghu ma dawrux il-meter fuq isem l-imputat peress li dan l-okkupant li kien hemm fil-fond qabel l-imputat ma setax jinstab u ghalhekk ma setax jiffirma biex il-meter jinbidel ghal fuq isem l-imputat. Infatti l-kontijiet baqghu johorgu fuq isem Abraham u l-imputat lanqas ma kien jircievi l-kont jew inkella jinghata informazzjoni fuqu peress li ma kienx fuq ismu.

L-imputat kompla jispjega li ufficjali tal-Enemalta kienu jmorru jaqraw il-meter regolarment u hadd minnhom ma kien innota xi haga mhux sew fil-meter jew inkella fis-sigilli tieghu. Ix-xhud cahad li huwa kien mess xi sigilli. Spjega wkoll li l-meter l-antik kien qieghed issikkat go kaxxa u li huwa ma setax jara l-parti ta' fuq tal-meter peress li dik il-parti kienet incim mal-kaxxa li fiha kien jinsab il-meter.

L-imputat cahad bl-aktar mod kategoriku li huwa kien baghbas xi meter. Huwa kien sar jaf bit-toqba fil-meter meta impjegati tal-Enemalta kienu marru biex jibdlu l-meter ghal wiehed gdid u sabu din it-toqba fil-meter. B'riferenza ghar-ritratti li gew esebiti, l-imputat spjega li dawn kienu ittiehdu wara li l-meter kien inqala' minn postu u instabet it-toqba. B'riferenza ghaz-zieda fil-konsum tal-elettriku, l-imputat stqarr li kien gab aktar makkinarja ghar-ristorant li wassal sabiex zdied il-konsum tad-dawl.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan il-kaz jitratta allegat serq ta' dawl da parti tal-imputat Hincks. Il-Prosekuzzjoni tibbaza l-kaz taghha fuq il-fatt li meta haddiema tal-Enemalta marru biex jbiddlu l-meter minn wiehed antik ghall-Smart Meter instabet toqba fuq in-naha ta' fuq tal-meter kif wkoll is-sigilli tal-meter miksurin. Hincks kien l-okkupant tal-hanut fi zmien meta l-haddiema biddlu l-meter u allura l-Korporazzjoni Enemalta talbet lill-Pulizija sabiex tiehu proceduri legali kontra l-imputat ghal serq ta' dawl. Dan wara li l-istess Korporazzjoni harget stima ta' kemm seta' insteraq dawl. Ma' dan l-ammont l-istess Korporazzjoni ziedet l-imghaxxijiet, il-penali kif wkoll il-VAT.

**Ikkunsidrat:**

La darba qeghdin f'forum penali, jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li hija tressaq l-ahjar prova biex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat huma veri. Dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890): *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Kif kellha l-opportunita` tiddikjara din il-Qorti kif preseduta fi pronuncjamenti precedenti, sabiex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta'

Settembru 1994 il-Qorti taghmilha car li mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*. F' sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*": *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice"*.

Fil-kaz in ezami il-Prosekuzzjoni jidher li qaghdet *ad litteram* fuq l-artikolu 264 (2) tal-Kapitolu 9. Dan l-artikolu jistabilixxi li: *"Fil-kaz ta' ksur ta' kanni tas-servizz pubbliku ta' l-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew ta' fili jew gumni tas-servizz elettriku, jew tal-meters taghhom, jew ta' xi sigill ta' xi meter, jew fil-kaz ta' l-ezistenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista' jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan l-ilma, gass, jew kurrent elettriku, jew li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter tal-kwantità mehuda jew ikkunsmata,*

*jitqies, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju, bhala prova illi d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-ksur jew il-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b'dan l-uzu jew konsum ta' ilma, gass jew kurrent elettriku, skond ma jkun il-kaz."*

Huwa minnu li dan is-sub-inciz qieghed johloq presunzjoni favur il-Prosekuzzjoni fis-sens li l-legislatur qieghed jassumi li detentur ta' fond fejn jinstabu tali irregolaritajiet jitqies li huwa konxju li qed issir konsum illegittimu ta' xi servizz minn dak il-fond. **B'danakollu tali presunzjoni xejn ma tnaqqas mill-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova li fil-verita kien hemm konsum illegittimu ta' xi servizz fil-perijodu indikat fl-akkuza.** F'dan is-sens ssir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal- Appell Kriminali fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Ronald Bruno**:[1]

*"Din il-Qorti, pero`, tosserva li hawn si tratta ta' periodu ta' aktar minn erba' snin –minn wara Novembru 1989 sat-13 ta' April, 1994. Fil-fehma ta' din il-Qorti, biex issir il-prova, sal-grad li trid il-ligi fil-kamp penali, a bazi tar-record of consumption li kien hemm (mhux semplicement li probabbli li kien hemm) serq ta' kurrent elettriku fil-periodu inkriminat, kellha tingieb prova tal-load ta' l-apparat elettriku f'dak il-periodu. Jidher li l-pulizija ma ghamlux l-icken sforz ta' investigazzjoni f'dana r- rigward. Lill-ahwa Mifsud ma staqsewhomx x'apparat elettriku u x'dawl kien hemm fil-fond qabel ma huma hadu l-hanut f'idejhom; l-appellant ma giex interrogat mill-pulizija bil-hsieb li jigi stabbilit dana l- punt; u meta l-appellant xehed quddiem il-Qorti Inferjuri ma sarx l-icken tentattiv sabiex in kontro-ezami jigi b'xi mod stabbilit x'apparat elettriku u/jew x'sistema ta' dawl kellu fil-periodu inkriminat fil-fond in kwistjoni. Huwa veru li s-*

[1] Appell Nru 129/00; Deciz 31 ta' Mejju, 2000, per Onor. Imhallef Dr Vincent Degaetano

*subartikolu (2) ta' l-Artikolu 264 tal-Kodici Kriminali johloq presunzjoni li tisposta l-oneru tal-prova ta' fatt partikolari – cioe` il-fatt jekk l-akkuzat kienx jaf bl-uzu jew konsum illegali ta' ilma, gass jew kurrent elettriku – fuq l-istess akkuzat.*

*Jekk l-akkuzat ikun jaf, jew hu presunt li kien jaf, b'dak il-konsum illegali allura r-reat ta' serq ikun imputabbli lilu. Pero` hija dejjem il-prosekuzzjoni li trid tipprova li fil-fatt kien hemm uzu jew konsum illegali, cioe` serq, tal-ilma, gass jew elettriku. In fatti jista' jkollok sitwazzjoni fejn ikun hemm il-ksur jew mezzi qarrieqa imsemmija fl-Artikolu 264(2) minghajr ma effettivament ikollok serq ta' ilma, gass jew elettriku. Fil-kaz in dizamina ma jistax jinghad li kien hemm prova sodisfacenti, cioe` sal-grad li trid il-ligi fil-kamp penali, ta' tali serq fil-periodu inkriminat.*

B'riferenza ghall-istess presunzjoni, il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Saviour Tabone**[2] irrimarkat li *"dina hija presunzjoni li giet deskritta f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali f'sentenza moghtija fis-16 ta' Lulju 1990 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Raymond Abela, bhala "presunzjoni feroci" u kompliet tghid: "La l-presunzjoni hija daqstant feroci l-Qorti tifhem li biex tapplikaha il-mezzi qarrieqa jridu jirrizultaw konkluzivament u mhux semplicement b'mod illi joholqu suspett ... il-mezzi qarrieqa jridu jkunu jistghu jwasslu ghal dak l-effett li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew il-markar."*

[2] Deciza mill-Magistrat Dr Edwina Grima fit-18.03.2010. Ara wkoll sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Peter Bugeja**, deciza fit-13 ta' Jannar 2011 u Il-**Pulizija vs Joseph Camilleri et** deciza fl-20 ta' Gunju 2013.

*Issa l-fatt illi is-sigill ta' fuq kien miksur sabiex ghalhekk l-cover tal-meter tad-dawl seta' jinqala facilment kif ukoll il-fatt li kien hemm it-trab fuq gewwa tal-meter tad-dawl ma jwassalx necessarjament ghal konkluzjoni illi kien hemm serq tal-kurrent tal-elettriku. Jista' jkun hemm suspett illi dana seta' sehh minhabba l-fatti indikati mill-espert, izda minn imkien mill-provi ma jirrizulta illi verament dana kien il- kaz......*

*Illi kif ikkonkludiet il-Qorti fis-sentenza hawn fuq iccitata "**<u>din il-Qorti qatt ma wasslet biex tikkundanna lil xi hadd semplicement fuq suspett</u>**." Illi ghalkemm jista' ikun hemm suspett f'dana l-kaz, madanakollu dina l-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni lil hinn minn dubbju dettat mir-raguni illi fil-fatt l-imputat huwa hati tal-akkuza migjuba kontrieh. [*emfazi tal-Qorti*]"*

Din il-Qorti taghmel riferenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Micallef et**[3]**.** Il-Qorti kienet qieset li l-imputati kienu innewtralizzaw il-presunzjoni kontemplata fl-artikolu 264(2) ghar-raguni li l-kaxxa tal-meter kienet accessibbli ghal terzi persuni u l-imputati ma kinux l-unici persuni li kellhom access ghaliha:

*"Illi l-imputata xehdet f'dawn l-atti u qalet illi kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn kien inqataghlhom id-dawl fil-flat mikri lilhom. Hija xehdet ukoll illi hemm diversi kawzi pendenti bejnietha u r-ragel taghha u s-Sur Fenech, is-sid tal-flat fejn huma jirrisjedu, u xehdet ukoll illi l-meter tad-dawl in kwistjoni kien f'armarju fil-parti komuni tal-flat isfel, l-armarju jissakkar bic-cavetta u c-cavetta hija imdendla mal-hajt permezz ta' musmar u ghalhekk hija*

[3] Deciza fid-19 ta' Mejju 2004

*accessibbli ghal kullhadd. Hija cahdet illi qatt baghbset mal-meter tad-dawl in kwistjoni.*

*Illi l-Qorti tara illi l-imputati irnexxielhom jeghlbu l-presunzjoni ill il-Ligi timponi kontra taghhom f'kazijiet simili u dana peress illi l-meter tad-dawl in kwistjoni ma kienx accessibbli ghalihom biss, izda ghal kwalunkwe persuna li setghet facilment taqbad ic-cavetta, tiftah l-armarju fejn kien hemm il-meter tad-dawl in kwistjoni u tbaghbas l-istess meter tad-dawl. Irrizulta wkoll illi l-imputati fuq imsemmija ghandhom diversi problemi u anke kawzi civili pendenti mal-proprjetarju tal-fond mikri lilhom."*

Applikati l-principji legali suesposti u mill-provi li gew prodotti, din il-Qorti tislet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

(a) Fl-ewwel lok irrizulta li l-fond in kwisjtoni ma kienx minn dejjem f'idejn l-imputat. Fil-perijodu li ghalih jirreferu l-akkuzi, qabel l-imputat kien hemm tal-anqas persuna ohra li kien qieghed jokkupa l-fond. Irrizulta mill-provi – u dan ma gie kontestat fl-ebda hin mill-Prosekuzzjoni u mill-ufficjali tal-Enemalta – li f'Mejju 2010 il-fond kien ghadu mhux f'idejn l-imputat. Infatt l-imputat dahal fil-fond f'Ottubru 2010, precizament meta krieh u beda jopera r-ristorant f'Dicembru 2010. Apparti minn hekk sal-2018 l-meter kien ghadu fuq isem l-okkupant ta' qabel l-imputat certu Abdesemad Ibnaz.[4] Jidher wkoll li sabiex seta' inghata d-dawl, l-imputat kellu jhallas kont precedenti fl-ammont ta' sebat elef ewro (€ 7,000);

[4] Ara xhieda ta' Michael Buttigieg moghtija fis-seduta tad-9 ta' April 2018, fol. 146.

(b) Kif spjega l-imputat fix-xhieda tieghu – u dan lanqas ma gie kontestat mill-Prosekuzzjoni u l-parte civile – il-meter kien qieghed f'cupboard zghir hafna. Jidher li sabiex ikun hemm tbaghbis fil-meter u l-istess meter jigi ostakolat milli jaqra l-konsum propju li jkun qieghed isir, ried jiddahhal oggett mit-toqba li kien hemm in-naha ta' fuq tal-meter. Mill-mod ta' kif kien qieghed imwahhal il-meter, fizikament dan kien impossibbli u l-meter ried bil-fors jinqala' mill-cupboard biex dan il-process jkun jista' jsir. Infatti mill-provi irrizulta li l-meter kien imwahhal f'cupboard pjuttost zghir u ma kienx hemm spazju bejn il-meter u n-naha ta' fuq tal-cupboard. Tant hu hekk li l-haddiema tal-Enemalta kif wkoll l-imputat indunaw bit-toqba meta l-meter inqala' minn postu. Haddiema tal-Enemalta li kienu jmorru regolarment jaqraw il-meter qatt ma sabu jew irriskontraw xejn irregolari;

(c) Kif indikat sabiex tiddahhal xi haga fit-toqba li instabet fuq in-naha ta' fuq tal-meter biex izzomm ir-rota tal-meter milli iddur, bil-fors li l-meter ried jinqala' mill-cupboard fejn kien. Il-provi li tressqu quddiem din il-Qorti jindikaw li l-meter kien ilu zmien ma jinhareg mill-cupboard. Infatti l-meter kellu kisja trab fuqu mhux hazin. Apparti minn hekk fejn it-toqba lanqas ma kien hemm grif kif sewwasew ikkonferma Anton Zerafa fid-deposizzjoni tieghu. Aktar importanti minn hekk, fuq il-meter ma instabu l-ebda impronti tal-imputat. Li kieku kien qed isir xi forma ta' manuvrar tal-meter mill-imputat fuq bazi regolari biex jigi misruq id-dawl, il-possibilita hija li kien se jkun hemm xi forma ta' impronti tieghu fuqu. Dan pero ma kienx il-kaz;

(d)Ghalkemm il-haddiema tal-Enemalta meta elevaw il-meter tad-dawl ghamlu elenku tal-affarijiet li jahdmu bl-elettriku li huma sabu fir-ristorant tal-imputat flimkien mal-wattage ta' kull appliance, ma inghatatx spjegazzjoni dettaljata kif l-Enemalta kienet waslet ghall-ammont ta' elettriku mhux registrat, li skont hi kien jammonta għal tmienja u erbghin elf u hdax -il ewro (€ 48,011). Ix-xhieda tal-Enemalta sempliciment qalu li sar tqabbil bejn il-konsum registrat bil-meter l-antik u l-konsum bil-meter il-gdid u abbazi ta' hekk sar il-kalkolu tal-konsum mhux registrat. Apparti l-fatt li *se mai* dan jista' biss jwassal ghall-stima ta' konsum mhux registrat u mhux ta' kalkolu attwali ta' dawl li ma giex registrat, dan il-kalkolu kif effettivament gie mahdum mill-Enemalta ma giex spjegat adegwatament. Lanqas ma irrizulta li gie spjegat mid-dokumenti prezentati. B'mod partikolari ma inghatat l-ebda spjegazzjoni kemm kellu jkun il-konsum ezatt tal-elettriku fir-ristorant meta kien ghad hemm il-meter l-antik, tenut kont tal-appliances kollha li kien hemm fir-ristorant u li l-impjegati tal-Enemalta ghamlu elenku taghhom. Dan seta' facilment jigi stabbilit u imqabbel mal-konsum tal-elettriku li kien qieghed jigi registrat mill-meter l-antik. Dan kien jitfa' dawl fuq jekk effettivament kienx qieghed isir serq ta' dawl: li kieku kellha tirrizulta diskrepanza sostanzjali bejn l-ammont ta' elettriku registrat bil-meter u l-konsum ta' dawl mill-appliances fir-ristorant (liema konsum seta' jigi facilment kalkolat abbazi tal-wattage tal-istess appliances), dan kien ikun element indikattiv li kien qed isir tbaghbis fir-registrazzjoni tal-konsum tad-dawl. Tali ezercizzju seta' jsir anke billi tintalab il-hatra ta' espert

inginier biex jaghmel tali kwantifikazzjoni. Irridu niftakru li hawn qeghdin fil-kamp kriminali u ghall-fini ta' sejbien ta' htija din il-Qorti ma tista' qatt tasal biex tikkonkludi jekk kienx hemm serq ta' dawl jew le billi toqghod fuq ezami komparattiv li sar wara li twahhal il-meter il-gdid. Ma ingabux provi li wara li l-meter il-gdid gie imwahhal, l-appliances li kien hemm fil-post baqghu l-istess u baqghu bl-istess wattage. Apparti minn hekk l-istess imputat jixhed li fil-hanut huwa kien anke zied in-numru tal-appliances u dan bil-fors li se jwassal ghal zieda fil-konsum tal-elettriku. Dan kollu iqajjem dubji serji dwar kemm wiehed jista' joqghod fuq il-kalkolu li sar mill-Enemalta sabiex gie stabbilit il-konsum mhux registrat ghall-fini ta' proceduri penali.

(e) Bhala fatt wkoll il-meter li kien hemm fir-ristorant kien wiehed antik u kien ilu snin jintuza. Il-Prosekuzzjoni u l-parte civile baqghu ma gabu l-ebda prova li l-meter gie ittestjat u kien ghadu qed jahdem perfettament u li ghalhekk ma kienx qieghed jirregistra konsum anqas minn dak li kien qieghed isir.

(f) Fl-ahhar nett, din il-Qorti tfakkar wkoll li anke li kieku kellu jirrizulta r-reat ta' serq, is-serq kien sejjer ikun limitat ghall-konsum ta' dawl mhux registrat u cioe dak ta' tmienja u erbghin elf u hdax - il ewro (€ 48,011) u mhux ghall-intier tal-ammont reklamat fil-kwerela. Huwa car li l-ammont li kien jaqbez il-konsum mhux registrat kienu penali u VAT, li assolutament ma jaqghux taht il-parametri tal-akkuza tas-serq.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet maghmula hawn fuq, din il-Qorti mhix konvinta sal-grad rikjest mil-ligi li l-Prosekuzzjoni u l-parte civile irnexxielhom jippruvaw il-kaz taghhom. Il-fatt li instabet toqba fil-meter u kien hemm sigilli miksurin ghalkemm iqajmu suspett li seta' kien hemm xi serq ta' dawl mhumiex wehidhom bizzejjed biex jikkonfermaw li kien hemm konsum illegittimu ta' dan is-servizz. Anzi c-cirkustanzi partikolari ta' dan il-kaz hekk kif elenkati aktar 'l fuq ma jnisslux fil-Qorti dak il-konvinciment li l-imputat effettivament seraq id-dawl ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta. Ir-reat tas-serq bil-kwalifiki identifikati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ta' gudizzju ghalhekk ma jirrizultax kif *del resto* lanqas tista' tirrizulta fic-cirkostanzi l-imputazzjoni tar-ricediva.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq esposti, din il-Qorti mhux qeghda issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu u ghalhekk qieghda tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.

____________________

**Dr Joseph Mifsud**

**Magistrat**

Margaret De Battista

Deputat Registratur